MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 542/2002/1

Lynn Abela mart Richard Bugeja

vs

Richard Bugeja

Il-Qorti,

I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 10 ta' Mejju 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg fit-8 ta' Mejju 1998 mill-liema zwieg ma kienx hemm tfal.

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija

psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghalkemm l-esponenti ma kenitx interdetta jew marida b'mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat mill-kontendenti fit-8 ta' Mejju huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tal-5 ta' Dicembru 2002 fejn Dr. Louis Bianchi ghall-konvenut ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza, filwaqt li l-attrici tat ruhha b'notifikata bil-mozzjoni tal-appuntament tal-kawza. Inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' erbghin gurnata kull wiehed.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-5 ta' Dicembru 2002 a fol. 13 fejn gie eccepit:-

1. Illi huwa ma jikkontestax it-talbiet attrici, pero' jikkontesta l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet tal-attrici peress illi z-zwieg huwa null u bla effett minhabba ragunijiet imputabbli lilha biss skond kif sejjer jigi ppruvat ahjar waqt il-kawza.

2. Illi ghalhekk l-esponenti m'ghandux jbaghti l-ebda spejjez ghal dawn il-proceduri.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 13 u 14 tal-process.

Rat in-nota tal-attrici datata 14 ta' Jannar 2003 li permezz taghha pprezentat tliet affidavits, cjoe' ta' Consiglia Abela, ta' Emmanuel Abela u dak taghha stess.

Rat in-nota tal-konvenut tas-7 ta' Frar 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess, ta' missieru Nazzareno Bugeja, t'ommu Mary Bugeja u dak ta' Alexander Xuereb.

Rat il-verbal tad-29 ta' April 2003 fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi gew maghluqa u ghaldaqstant il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Jannar 2004.

Rat il-verbal tas-7 ta' Jannar 2004 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum 29 ta' Jannar 2004.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 28 ta' Jannar 2004 fejn talbet korrezzjoni fl-okkju tal-kawza sabiex il-kunjom taghha jigi sostitwit minn dak ta' "Bugeja" ghal "Abela".

Rat id-digriet tal-Qorti tat-28 ta' Jannar 2004 fejn laqghet it-talba attrici u awtorizzat id-debita korrezzjoni b'dan li jizdied il-kunjom "Abela" bejn il-kliem "Lynn" u "mart".

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

II. KONSIDERAZZJONIJIET.

(i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici xehdet permezz tal-procedura tal-affidavit datat 14 ta' Jannar 2003 fejn sostniet li :-

"Meta zzewwigt jiena kelli biss sittax-il sena filwaqt li l-gharus tieghi kellu tlieta u ghoxrin sena.

Meta ddecidejt li nizzewweg il-genituri tieghi kienu opponew din il-proposta hafna minhabba li jiena jiena kont ghandni zaghzugha wisq. Anke l-genituri tal-gharus kienu opponew din il-proposta minhabba l-eta' tieghi. Jiena, minkejja dina l-oppozizzjoni bqajt deciza li nizzewweg u fil-fatt hekk gara. Il-genituri tieghi cedew ghall-insistenza tieghi li nizzewweg ghax bezghu li stajt nohrog tqila qabel iz-zwieg jew li nahrab mid-dar. Jiena kont thajjart li nizzewweg ghax ohti kienet iddecidiet li tizzewweg. Fil-fatt dak iz-zmien kont ghandi l-iskola.

Ghall-ewwel tliet xhur wara z-zwieg ma kien hemm ebda problemi serji. B'danakollu bdejt nosserva li zewgi kien sar nervuz sew. Jiena ma kontx matura bizzejjed biex niehu hsieb id-dar, li kienet tikkonsisti f'basement flat provdut b'xejn mill-genituri tieghi. Fil-fatt kont naghmel il-facendi fid-dar meta jfettilli. Dan holoq tensjoni bejni u zewgi li kien imdorri f'hajja ordinata fid-dar t'ommu u ghalhekk kien ikollna x'inghidu.

Jiena meta nhares lura nhoss li kont immatura billi per ezempju ma kellix kontroll fuq l-imgieba tieghi, filwaqt li llum ghandi kontroll shih fuq l-imgieba tieghi. Dak iz-zmien kont pikuza hafna u dan ukoll kien johloq tensjoni fir-relazzjoni tieghi ma' zewgi.

Meta ddecidejt li nizzewweg din id-decizjoni ma kenitx ir-rizultat ta' xi pjan imfassal minn qabel li kellu jwassal ghal xiri ta' post wara li nizzewgu, ghalkemm wara li zzewwigna missieri kien deherlu li kellna ngemmghu biex nixtru post taghna. Kif ghidt, jiena kont sempliciment twebbilt biex nizzewweg biex nikkopja lil ohti. Sfortunatament, dak iz-zmien kont rasi iebsa hafna u qatt ma kont immur lura minn dak li niddeciedi li naghmel. Illum dan id-difett nikkontrollah ghax immaturajt imma dak iz-zmien ma kontx matura bizzejjed biex niehu decizjonijiet importanti li ghandhom x'jaqsmu maz-zwieg.

Incident li kkawza krizi enormi fiz-zwieg tieghi u li wassal biex iz-zwieg tieghi jitkisser gara meta zewgi qatel il-kelb tieghi f'sahna ta' demm. Dana l-incident gara minhabba li zewgi beda jghir, fis-sens li huwa deherlu li kont qed naghti aktar attenzjoni lill-kelb tieghi milli lilu. Naturalment illum napprezza li dana l-incident sehh minhabba n-nuqqas tieghi li niehu in konsiderazzjoni s-sentimenti u l-bzonnijiet ta' zewgi minhabba l-immaturita' tieghi, ghalkemm mill-banda l-ohra l-ghira ta' zewgi ghall-kelb ukoll turi li huwa wkoll kien immatur. Dana l-incident holoq krizi fiha u nista' nghid li l-attitudni tieghi lejn zewgi tbiddlet ghal kollox billi kont hrigtu minn qalbi. Illum napprezza illi li kieku dana l-incident sehh illum ma kontx nirregixxi kif irreagixxejt dak iz-zmien. Jiena kont bdejt noboghdu lil zewgi minn dakinhar tal-incident ghaliex ma kellix kontroll fuq l-emozzjonijiet tieghi. Jiena kont hassejt li l-mewt tal-kelb kienet aktar importanti mill-futur taz-zwieg tieghi. Hekk kont nirraguna dak iz-zmien, ghalkemm illum nifhem li kont iffaccjajt dan l-incident b'mod verament immatur. Niftakar li ma kontx ridt ikolli x'naqsam sesswalment ma' zewgi. Lanqas ridt nohrog mieghu. Ma kontx inkellmu u meta kont inkellmu kont nghidlu hafna affarijiet u din is-sitwazzjoni baqghet sejra sakemm infridna.

Illum, meta nhares lura jidher car li zewgi kellu ragun dwar il-kwistjonijiet li kienu jinqalghu dwar il-kelb. Kont inhoss li kien bozju meta kien igerger li jiena kont inqatta' hafna hin mal-kelb u li lilu u lid-dar kont nittraskurahom. Ghalkemm illum naf li zewgi kellu ragun li jgerger ghax kont iffissajt fil-kelb, dak iz-zmien kont inhoss li zewgi kien qed jghid hafna hmerijiet, mentri llum naf li kellu ragun.

Qabel dana l-incident u naturalment aktar u aktar wara, jiena u zewgi ftit li xejn konna naghtu kaz dwar ir-responsabbiltajiet taghna bhala mizzewgin. Fil-fatt kien inqala' l-inkwiet ma' missieri, wara li zzewwigna ghax zewgi ried ibiddel il-karozza tieghu filwaqt li jien xtaqt nitghallem il-karozza. Fil-fatt konna tajjarna l-flus kollha li konna gemmajna biex inxtrat il-karozza. Missieri kien ilmenta li dan ma kienx sewwa billi kien aktar jixraq li ngemmghu biex nixtru post. Wara li xtrajna l-karozza ghal

zewgi jiena kont iffissajt fil-Volkswagon u zewgi ma kienx oppona li nixtri din il-karozza. Fil-fatt sakemm jiena u zewgi nfridna sentejn u nofs wara z-zwieg ma kellniex flus imgemmghin minkejja li t-tnejn konna nahdmu billi konna nfaqna flusna l-aktar fil-karozzi.

Illum meta nhares lura nhoss li jiena personalment ma kontx apprezzajt x'kien ifisser iz-zwieg jew ghalxiex kont diehla u lanqas tant kien jimpurtani dwar ir-responsabbiltajiet taz-zwieg. Inhoss ukoll li lanqas zewgi ma kien matur hafna biex jizzewweg ghaliex huwa accetta li jizzewwigni wara li jiena kont insistejt li nizzewweg mhux ghax kont ippreparata ghaz-zwieg imma sempliciment ghax ridt nikkopja lil ohti. Barra minn hekk huwa accetta li jizzewwigni minkejja li ma kellna ebda pjan ghal wara z-zwieg. Inhoss ukoll li zewgi ma kienx ta' kaz taz-zwieg taghna billi ma kienx bil-ghaqal jew matur. Aktar kien mohhu fil-karozzi fil-hbieb u fl-isports, ghalkemm jiena nammetti li ma kellix mohh zewgi u fil-fatt ittraskurajtu ghal kollox barra li ma tajtx kaz tal-obbligi tieghi bhala mara mizzewga".

Illi l-attrici pprezentat ukoll l-affidavits ta' ommha Consiglia Abela u missierha Emmanuel Abela li bazikament ikkonfermaw li l-attrici kienet immatura anke ghaliex kienet hafna zghira fl-eta', kellha rasha iebsa, u li riedet tizzewweg bilfors, aktar u aktar meta rat li ohtha kienet izzewwget, u allura riedet taghmel bhalha. Ovvjament gie kkonfermat l-incident tal-kelb.

Min-naha tieghu l-konvenut permezz tal-affidavit tieghu pprezentat b'nota tas-7 ta' Frar 2003 xehed li:-

"Jiena u Lynn bdejna nohorgu flimkien meta jiena kelli dsatax-il sena (19) u hija kellha tlettax-il sena (13). Dak iz-zmien Lynn kienet tmur l-iskola St. Andrews. Il-genituri tieghi kienu opponew minhabba l-fatt illi Lynn kienet ghadha tifla zghira u taht l-eta' u bhala rizultat ta' dan kelli hafna kwistjonijiet mal-genituri tieghi. Ommi u missieri riedu li jiena nidhol id-dar qabel il-hdax (11:00 p.m.) ta' bil-lejl u mponew restrizzjonijiet ohrajn fosthom li ohti, Fiona tohrog mieghi u Lynn fil-ghaxija. Billi jiena kont noqghod

mal-genituri tieghi tieghi jiena kelli noqghod ghal dak li qaluli.

Ommi u missieri mill-bidu nett ta' din ir-relazzjoni kienu qaluli biex noqghod attent billi Lynn kienet ta' rasha u taghmel dak li trid. Fil-fatt dan kien minnu, imma jiena l-istess komplejt nohrog maghha.

Wara xi sena u nofs li konna flimkien, oht Lynn, Melanie iddecidiet li tizzewweg u Lynn ghalhekk riedet taghmel l-istess. Lynn dak iz-zmien kellha biss hmistax-il sena (15) u ghalkemm ahna ddiskutejna z-zwieg flimkien, jiena ridt nistenna ghax hija kienet ghadha zghira. Lynn insistiet u wara ftit, u sabiex ma nibqax marbut id-dar b'restrizzjonijiet li kelli, jiena fl-ahhar cedejt u qbilt maghha li nizzewgu.

Il-genituri ta' Lynn fil-bidu opponew ghaz-zwieg izda wara ftit ta' zmien cedew billi bezghu li Lynn tohrog tqila - infatti wara ftit ta' zmien anke pprovdewlna 'basement flat' zghir hafna taht id-dar taghhom fejn stajna noqoghdu. Dak iz-zmien taz-zwieg jiena kont nahdem bhala 'store keeper' u Lynn kienet tahdem bhala 'data input clerk'. Bhala flus meta gejna biex nizzewgu ma kellniex u konna nghixu fuq il-paga, li hafna minnha kienet tonfoq Lynn meta kienet tohrog mal-hbieb. Ahna zzewwigna fit-8 ta' Mejju 1998, b'cerimonja civili gewwa l-Mosta. Qabel iz-zwieg kemm jiena kif ukoll Lynn ma attendejniex ghall-ebda korsijiet ta' preparazzjoni ghaz-zwieg u ftit jew xejn ma ddiskutejna kif konna sejrin infasslu l-hajja mizzewga flimkien u x'kienu l-pjanijiet taghna ghall-futur. Kulma kien jinteressa lil Lynn kien li tizzewweg kif kienet ghamlet ohtha. Min-naha tieghi nista' nghid illi z-zwieg rajtu bhala okkazjoni biex innehhi r-restrizzjonijiet imposti mill-genituri tieghi u li nkun nista' noqghod barra fit-tard u li wkoll nohrog ma' Lynn minghajr ma jkolli lil ohti mieghi bhala 'chaperon'.

Fil-bidu z-zwieg taghna ma kellux problemi, izda wara ftit jiena bdejt ninduna illi Lynn kienet aktar interessat fil-hbieb taghha u meta gabet il-kelb, f'dan il-kelb. Lynn bdiet ftit jew xejn tiehu hsieb il-'flat', anzi nghid illi bdiet titraskurah. Biz-zmien jiena u Lynn bdejna ninfirdu minn

xulxin, u difatti anke meta hija ma kenitx qed tahdem fil-ghaxija, hija kienet tibqa' barra fit-tard mal-hbieb. Jiena pprovajt inkellimha dwar ix-xoghol ta' fil-ghaxija, izda Lynn dejjem riedet tibqa' barra - b'hekk u biz-zmien ir-relazzjonijiet ta' bejnietna marru lura.

F'Dicembru 1999 wara li kellna argument, Lynn iddecidiet li tmur lura ghand ommha. Jiena bqajt il-'flat' ghal gimaghtejn, izda meta rajt li Lynn ma riditx tigi lura, jiena hrigt mill-'flat' u mort noqghod ghand il-genituri tieghi, fejn bqajt noqghod hemm sa Novembru 2000. Tul dan iz-zmien ftit jew xejn iltqajt ma' Lynn, izda f'Novembru 2000 ghamilt sforz wara li kien kellimna habib taghna, certu Alex Xuereb, biex jiena u Lynn nerghu mmorru flimkien u f'dan ir-rigward huwa kien tana xi parir.

Jiena u Lynn krejna 'flat' Bugibba u bdejna ghal darb'ohra nghixu flimkien. Wara ftit indunajt illi Lynn ma bdietx tiehu kaz il-pariri ta' Alex Xuereb, u cjoe' li tinqata' mill-hbieb u tikkoncentra aktar fuq ir-relazzjoni ta' bejnietna, bir-rizultat illi r-relazzjoni taghna rgajna bdejna mmorru lura. Niftakar illi Lynn kienet sabet xoghol iehor fil-ghaxija gewwa Bay Street, u kienet bdiet tigi lura fit-tard hafna, hafna drabi wara nofs il-lejl u hafna drabi meta kienet tigi lura kienet tkun fis-sakra.

Jiena ndunajt li Lynn ma kenitx matura xejn u ma kenitx qed turi l-ebda responsabbilta' fir-relazzjonijiet ta' bejnietna u li kienet qed tpoggi l-hbieb taghha u l-hajja taghha qabel iz-zwieg taghna. Ghalhekk wara ftit xhur, u cjoe' f'Gunju 2001 jien u Lynn ergajna nfridna minghajr l-ebda argumenti ta' xejn ghax hassejna li kien spicca kollox bejnietna. Lynn sa fejn naf jiena fl-ahhar ftit gimghat qabel ma nfridna bdiet tara lil haddiehor (izda ta' dan m'ghandix prova) u ma wriet ebda nteress fija. Illum sa fejn naf jiena qed tistenna tarbija minghand din l-istess persuna.

Jien u Lynn isseparajna civilment - is-separazzjoni kienet wahda bonarja u ffirmajna l-kuntratt ta' separazzjoni quddiem in-Nutar ftit ta' zmien ilu".

Illi l-konvenut ipprezenta wkoll l-affidavits ta' missieru Nazzareno Bugeja, ta' ommu Mary Bugeja u ta' Alexander Xuereb.

(ii) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-premessi li fuqhom hija bbazata l-azzjoni attrici huma kkontemplati fl-artikolu 19 (1) (d) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta u cjoe' l-Att dwar iz-Zwieg.

Illi l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta jinqara hekk kif gej:-

"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan I-Att, iz-zwieg ikun null:-

(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja Ii taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti Ii taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."

Illi ghar-rigward tal-istess artikolu 19 (1) (d) milI-provi migbura jirrizulta li I-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis--serjeta' I-valuri u I-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju "supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly.

Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient

maturity of judgement to understand and choose marriage …….... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …"

Illi G. Veness, kif ikkwotat minn N. Picard fit-trattat 'L'Immaturite' et le Consentement Matrimonial" (pg. 54-55) jghid is-segwenti:-

"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi "Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg" (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u "Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe" (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); "Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine" (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); "Ali Chahid vs Mary Spiteri" (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; "Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia" (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; "Romina Zammit vs Paul Zammit" (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u diversi sentenzi ohrajn u tirreferi u taddotta ghalhekk l-istess principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni "Josette Lungaro vs Jesmond Lauro" (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' Viladrich li jghid:-

"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment

refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring." (Viladrich, P.J. "Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated" (Montreal, 1993) p. 686).

Illi fis-sentenza "Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe" (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-Kap 255, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics." (Viladrich, P.J. op. cit., p. 687).

Illi l-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li nghad dwar id-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, fis-sentenza "Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed" (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) u cjoe`:-

"Fil-kawza "Haidin vs Haidin" (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta'

hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'.

Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossolubbilta' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza "Micallef vs Micallef" deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom."

Illi dwar l-ahhar premessa tal-attur u cjoe' l-artikolu 19(1)(h) tal-Kap 255, l-attrici ppremettiet illi l-kontendenti ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi l-artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta jinqara hekk kif gej:-

(h) "jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg".

Illi dan l-artikolu jitkellem dwar persuna, li ghalkemm mhux interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Ghalhekk, apparti nterdizzjoni jew mard mentali, dan l-artikolu jinkludi wkoll stat mentali temporanju li jaghmilha

mpossibbli ghal persuna li jaghti kunsens validu. Ezempji ta' dan hu jekk persuna tkun taht l-effett tax-xorb, tad-droga, jew ta' dipressjoni.

Illi John R. Keating, fil-ktieb tieghu "The Bearing of Mental Impairment on the Validity of Marriage. An Analysis of Rotal Jurisprudence" f'pagna 104 jaghti dan l-ezempju:-

"Let us take the case of the man who has determined to marry a certain girl but to carry him through the ordeal, gets drunk and expresses consent in such a state. The marriage, if it is null, is null not because of insufficient internal will, but because the act of manifestation was not a human act, a juridical act, an act capable of juridically signifying a virtually persevering internal will."

(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi mill-provi prodotti jidher car li z-zewg partijiet ghalkemm kellhom l-eta' sabiex jizzewgu kienu zghar wisq biex huma jifhmu u anke jikkoncepu l-kuncett innifsu taz-zwieg, ahseb u ara sabiex jikkomettu ruhhom ghal xulxin ghal hajjithom kollha, bil-konsegwenzi kollha li tali decizjoni ggib maghha. Jidher car mill-provi, u anke mit-testimonjanza tal-partijiet infushom, li f'dak il-perjodu lanqas biss kienu jifhmu lilhom infushom, ahseb u ara kemm kienu kapaci u lesti li jifhmu lis-sieheb jew siehba taghhom.

Illi fil-fatt fil-kaz ta' kull parti d-decizjoni ta' zwieg bejniethom ittiehdet fuq konsiderazzjonijiet li ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-promessa li ghamlu lil xulxin ghall-hajja konjugali flimkien. Fil-fatt jidher car li d-decizjoni tal-attrici li tizzewweg kienet motivata esklussivament fuq il-fatt li ladarba rat li ohtha kienet izzewget, hija riedet taghmel bhalha u hadd u xejn ma seta' jwaqqafha minn tali tir. Fil-fatt kulhadd ceda ghal din il-fissazzjoni taghha, il-familjari taghha nkluzi. Dan ghaliex dawn kienu ben konxji tal-karattru stinat tal-istess attrici.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut wera dubji kbar ghall-istess zwieg ghalkemm kien huwa li kien fittex lill-attrici meta

kien ghad kellha biss (13) tlettax-il sena. Jidher li ghall-ewwel waqaf ghat-tentattivi tal-istess attrici, izda tant kienet kbira l-insistenza tal-attrici, li huwa accetta li jizzewweg kif qaltu hija proprju ghaliex hekk kienet ix-xewqa taghha, u ghalhekk l-unika raguni li wasslet lill-konvenut ghaz-zwieg mal-attrici klienet biss ix-xewqa u l-insistenza taghha, tant li huwa ghamel biss dak li qaltu hija u warrab ir-rizervi kbar li huwa kellu ghall-pass bhal dan f'dak il-mument, meta l-partijiet kienu manifestament u konxjentosament jafu li huma mmaturi ghall-ahhar.

Illi dan kollu huwa ferm 'il boghod mill-animu u dispozizzjoni necessarja sabiex wiehed jew wahda jaghtu kunsens validu ta' zwieg, u certament li l-kunsens moghti minn kull parti f'din il-kawza kien vizzjat peress li l-partijiet ma kellhonmx il-kapacita' psikika u mentali li jifhmu l-kuncett innifsu ta' hajja komunali u l-elementi essenzjali taz-zwieg. Fil-fatt diskussjoni dwar dan ma kien hemm xejn, u preparamenti lanqas, tant li marru joqghodu f'fond provdut minn missier l-attrici, u c-cirkostanzi tal-konvivenza taghhom qasira ta' ftit aktar minn xi sena u nofs juru li in verita' ma kienx hemm legami ta' mhabba, rispett u responsabbilta' bejniethom, u l-konsiderazzjonijiet taghhom, specjalment tal-attrici, kienu dawk tat-tfal.

Illi r-rizultat ta' dan kollu kien li tali konvivenza spiccat hafna qabel ma' in effetti l-partijiet iddecidew li jghixu separatament minn xulxin, tant li mal-ewwel disgwid bejniethom, l-attrici marret ghal rasha, filwaqt li meta ra hekk l-konvenut ghamel l-istess. Ghalhekk jidher car li f'dan il-kaz hemm l-estremi kollha sabiex l-istess zwieg jigi ddikjarat null u bla effett ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet abbazi tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illli dwar l-artikolu 19 (1) (h) ftit hemm wiehed xi jghid peress li l-provi tal-partijiet ma kienux indirizzati lejn dan l-artikolu, ghalkemm din hija ormai kwistjoni akkademika.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u dan biss inkwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn premess u deciz, tilqa' t-talba attrici b'dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat mill-kontendenti fit-8 ta' Mejju 1998 huwa null u bla effett ai termini tal-Ligi u senjatament abbazi tal-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------